# Programm Uffiċjali u

# Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia MP

# Speaker tal-Kamra tad-Deputati

# Parlament ta' Malta

# fl-okkażjoni tat-tifkira

# tas-*SETTE GIUGNO*

**It-Tnejn, 6 ta' Ġunju 2016**

## **Programm taċ-Ċerimonja ta' Tifkira tas-*Sette Giugno***

| | |
|---|---|
| **15.45** | Marċ mill-Banda tal-Pulizija minn quddiem il-Parlament ta' Malta f'Misraħ il-Ħelsien għal Ġnien ta' Hastings |
| **16.00** | Il-Banda tal-Pulizija tieħu postha biswit il-Monument tas-*Sette Giugno* fil-Ġnien ta' Hastings |
| **16.05** | Il-mistednin jieħdu posthom fejn il-Monument tas-*Sette Giugno* fil-Ġnien ta' Hastings |
| **16.20** | L-Onor. Speaker tal-Parlament ta' Malta, l-Onor. Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni jieħdu posthom fejn il-Monument tas-*Sette Giugno* fil-Ġnien ta' Hastings |
| **16.22** | Diskors mill-Onor. Anġlu Farrugia MP, Speaker tal-Kamra tad-Deputati |
| **16.45** | Fi tmiem id-diskors, l-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati jmur quddiem il-Monument tas-*Sette Giugno* |
| **16.46** | Tindaqq il-*Last Post* |
| **16.47** | Tinżamm Minuta Silenzju |
| **16.48** | Tindaqq ir-*Reveille* |
| **16.50** | L-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati jqiegħed kuruna f'riġlejn il-Monument tas-*Sette Giugno* |
| **16.51** | Tqegħid ta' kuruni mill-Onor. Prim Ministru, mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni, mid-Dekan tal-Korp Diplomatiku, mir-rappreżentanti tal-Partiti Politiċi u l-Korpi Kostitwiti (skont l-Ordni tal-Preċedenza) |
| **17.00** | Innu Nazzjonali |
| | Riċeviment fil-Parlament ta' Malta |

Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni, Presidenti Emeriti, Speakers Emeriti, Onorevoli Membri, Membri Anzjani, Eċċellenzi, mistiedna distinti

Għaddiet sena mindu għamilt l-aħħar diskors waqt din il-kommemorazzjoni ta' Jum is-*Sette Giugno*, jum li bla dubju jibqa' mnaqqax bħala ġrajja tant importanti li tfakkarna meta fis-7 ta' Ġunju tal-1919, il-poplu kollu b'vuċi waħda għajjat għajta kbira fi ġlieda għad-drittijiet tiegħu bħala Nazzjon Malti. Dan huwa appuntament li jgħinna nifhmu aktar x'inhi u x'għandna nistennew mid-demokrazija parlamentari li bdejna nħaddnu bis-saħħa ta' din il-ġrajja minn meta sentejn wara li seħħew dawk l-avvenimenti, ingħatajna l-Kostituzzjoni Amery-Milner.

Fid-diskors li għamilt is-sena l-oħra f'din l-istess okkażjoni quddiem dan il-monument, monument li jfakkar il-bidu tal-istorja tal-Parlament Malti kif nafuh illum, kont għamilt referenza għall-fatt li fit-18 ta' Marzu tas-sena l-oħra l-Kumitat Festi Nazzjonali kien staqsieni kif naħsibha fuq il-proposta li dan il-monument ma jibqax imwarrab f'dan il-ġnien, imma jitqiegħed f'post ieħor. Wara kollox, dan il-post kellu jkun post temporanju. Jien mill-ewwel u mingħajr tlaqliq kont esprimejt il-fehma tiegħi li naqbel mal-proposta li dan il-monument, xogħol l-Iskultur Anton Agius, għandu jiġi rilokat f'post xieraq u mhux moħbi. Dan peress li hemm rabta preċiża u intrinsika bejn dak li jirrappreżenta dan il-monument u l-Parlament Malti.

Għaddiet sena u kollox baqa' kif kien u dan minkejja li kif stajt nikkonstata jiena personalment iktar kmieni x-xahar li għadda, il-Kumitat Festi Nazzjonali huwa unanimament favur li l-monument jiċċaqlaq minn hawn. Għaldaqstant inħoss li biex inwasslu dan il-messaġġ u biex jitwassal anke l-apprezzament tal-pubbliku Malti u Għawdxi lejn dan il-monument, li fuq kollox jirrappreżenta l-mixja storika tal-Istituzzjoni tal-Parlament, irid isir ġest simboliku llum stess f'dan il-jum nazzjonali; jum nazzjonali proprju marbut mal-ġlieda tal-poplu Malti li wasslet biex pajjiżna kiseb l-ewwel Kostituzzjoni tiegħu fl-1921. Għalhekk nipproponi li, wara dan id-diskors u wara li ssir iċ-ċerimonja, flimkien magħkom nimxi b'mod simboliku mit-taraġ li jwassalna proprju għall-bini tal-Parlament.

F'okkażjoni bħal din huwa dejjem importanti li wieħed jerġa' jifli fid-dettall x'ġara eżatt dak iż-żmien meta l-poplu Malti u Għawdxi qam kontra l-ħakma Ingliża f'rewwixta li fiha saru ħsarat f'diversi binjiet fil-Belt Valletta u f'postijiet oħra. Il-kwistjoni kollha jidher li qamet prinċipalment minħabba l-għoli fil-prezz tal-ħobż. Fir-riċerki li għamilt, kemm fi snin oħra kif ukoll din is-sena, aktar iffukajt fuq in-nies li ħadu sehem fir-rewwixta milli fuq il-vittmi jew persuni oħra li dakinhar setgħu dehru bħala għedewwa tal-poplu Malti u Għawdxi. Ir-riċerka dejjem twasslek għal riċerki oħra u għaldaqstant ħassejt li għandi nara wkoll x'ħasbu dakinhar uħud minn dawk li kellhom sehem fit-tħaddim tal-awtorità f'pajjiżna, u anke negozjanti. Wieħed minn dawn il-protagonisti kien proprju Anthony Cassar Torreggiani, li kien jirrappreżenta lill-Kamra tal-Kummerċ, jew kif kienu jsibuha dak iż-żmien u kif għadna nirreferu għaliha sal-lum, il-Borża. Fil-ktieb li jirrakkonta b'mod preċiż x'ġara dakinhar miktub minn Nicholas de Piro, insibu li s-Sur Cassar Torreggiani qal hekk, u nikkwota:

> *"On the day when I was to address the Assembly, I hailed a carozzin at St Julian's (I had rented a small place by the sea for my family). I was running a little late and told the cab-driver to hurry to Valletta. I rehearsed my speech on representation and taxation until, suddenly, a friend making frantic gestures, stopped the cab. "Quick", he said, "hide. The millers are the target. Do not go to the Assembly - your house is ransacked - there are bodies outside your front door.*
>
> *My first reaction was not fear but fury. Two months earlier in March of 1919 the price of wheat had soared to an all time high. The local milling industry was faced with the dilemma either to buy at a high price and face the public with a rise in the price of bread to 9½d. per rotolo, or decline to import the wheat requirements of the island. My pleadings with Lord Methuen to suspend the bread tax until more favourable times, were to no avail. I was told that the current Government expenditure had risen to over £800,000. His Excellency would not give way."*

Wieħed irid jinnota li dak iż-żmien kien hemm diversi magni tad-dqiq imferrxin ma' Malta u Għawdex u fost in-negozjanti li kienu jipprovdu l-qamħ għall-ħobż ta' kuljum għall-poplu Malti u Għawdxi, kien hemm proprju s-Sur Cassar Torreggiani li kien mar hu personalment jipprova jikkonvinċi lill-Gvernatur Methuen, biex jissospendi t-taxxa fuq il-ħobż, dejjem fuq il-prinċipju li ma jistax ikollok taxxa mingħajr rappreżentazzjoni; *no taxation without representation.*

Xi ħaġa li ma kinitx innotata għal diversi snin mir-riċerkaturi f'dan il-qasam hija li dan in-negozjant kien mar ikellem lill-Gvernatur bl-għajnuna tal-Lieutenant Governor William Robertson illi kien irranġalu appuntament mal-Gvernatur biex jipprova jipperswadih ma jibqax miexi biż-żieda fit-taxxa fuq l-importazzjoni tal-qamħ.

Fi stadju minnhom, meta l-kwistjoni tal-prezz tal-qamħ ikkumplikat ruħha mhux ħażin, proprju f'Marzu tal-1919, l-istess negozjant kien talab li tal-inqas ikun hemm garanzija min-naħa tal-Gvernatur biex jagħmel tajjeb għat-telf li jista' jkun hemm fl-importazzjoni tal-qamħ sakemm jitwassal f'Malta kaġun tad-diffikultajiet enormi li kienu jeżistu dak iż-żmien fil-qasam tat-tbaħħir. Kien żmien meta kienet għadha kif spiċċat l-Ewwel Gwerra, fl-1918, u kien sar diffiċli ħafna biex wieħed isib vapuri għal dawn il-vjaġġi peress li kien hemm nuqqas ta' vapuri fi stat li jbaħħru "*scarcity of ships remaining afloat*".

Dan ikkontribwixxa mhux bi ftit għas-sitwazzjoni prekarja li kienet qed tiffaċċja l-popolazzjoni f'pajjiżna, tant li fil-ktieb ta' de Piro nsibu dan li ġej u nikkwota:

> *"By 1919 the populace was in a state of exasperation because of the high cost of foodstuffs and the low standard of living."*

Kellek vapuri li telqu minn Ġibiltà u oħrajn li telqu mill-Ingilterra biex iġibu l-merkanzija u baqgħu ma waslux, tant li meta kien jirnexxilu jasal vapur kien ikun hemm ferħ kbir fil-Port, bin-nies jgħajtu: "Aħna issa se nsalvaw!" Dan id-dettall joħroġ ukoll mix-xogħol ta' de Piro, hawn aktar 'il fuq ċitat li jiddeskrivi kif il-vapuri li kienu jiġu mibgħuta lejn Malta kienu jipprovaw jaslu sal-Port il-Kbir b'determinazzjoni

kbira, anke kultant kontra l-parir tal-awtoritajiet minħabba l-attakki tal-għadu.

Dan kollu wassal sabiex il-prezz tal-qamħ kważi rdoppja. Dan apparti ż-żieda fit-taxxa imposta mill-awtoritajiet Ingliżi dak iż-żmien taħt il-Gvernatur Lord Methuen li għall-ebda raġuni ma ried jissospendi t-taxxa fuq il-ħobż għallinqas - kif kienu qed jippruvaw jikkonvinċuh numru ta' persuni, fosthom in-negozjanti tal-qamħ - sakemm jaslu żmenijiet aħjar li jkunu jippermettu l-introduzzjoni ta' tali taxxa.

Minn dak ċitat aktar 'il fuq, dejjem mill-kitba ta' de Piro, jidher ukoll li l-poplu Malti ma kienx qed japprezza li kien hemm nies f'pożizzjonijiet ta' awtorità fil-pajjiż u li kienu qed jipprovaw jagħtu sehemhom biex din it-taxxa ma tiġix imposta. Kif dejjem jingħad, trid tara ż-żewġ naħat tal-munita biex tifhem aħjar dak li effettivament ġara. Dan japplika għal kwalunkwe problema li tista' tqum fil-pajjiż. Wieħed irid jipprova jifhem il-partijiet kollha biex jasal għall-konklużjoni korretta dwar dak li jkun ġara u biex ikun ukoll korrett fid-deċiżjonijiet li jrid jieħu, speċjalment meta tkun kwistjoni li tinkwadra fid-demokrazija parlamentari.

Illum il-ġurnata l-kunċett ta' demokrazija parlamentari huwa realtà u mhux aktar aspirazzjoni. Hija sistema rikonoxxuta bħala waħda li tikkontribwixxi mhux ftit sabiex l-amministrazzjoni tal-pajjiż tkun waħda kredibbli u b'saħħitha.

Amministrazzjoni b'saħħitha teħtieġ ukoll li tkun ibbażata fuq il-kunċett ta' *good governance*, governanza tajba. Wieħed jista' jgħid li dan it-terminu jirreferi għal amministrazzjoni korretta li għandha tiġi applikata b'mod rigoruż minn istituzzjonijiet fit-tmexxija ta' materji pubbliċi, inkluż l-użu tar-riżorsi pubbliċi. Sabiex il-korrettezza fil-governanza tkun waħda kredibbli u li tagħti sodisfazzjon lill-pubbliku, huwa impliċitu li l-proċeduri kollha jsiru b'mod mill-aktar miftuħ. Mhux biżżejjed li jkun hemm il-korrettezza fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi, iżda huwa importanti li ma jitħalla l-ebda dubju li xi deċiżjoni ma tteħditx fl-ambitu ta' korrettezza sħiħa.

Nieħu din l-okkażjoni biex bħala President tal-Kamra nuri l-apprezzament tiegħi għall-fatt li l-ħaddiema kollha fl-Istituzzjoni li jiena mmexxi jħossuhom liberi li jinnotaw u jitkellmu dwar dak li ma jkunx sar sewwa. Dan jinħass b'mod speċjali issa li qegħdin fil-binja l-ġdida fejn għadna qegħdin niltaqgħu ma' problemi fil-binja minħabba xogħlijiet li ma sarux kif kellhom isiru. M'għadux iż-żmien li wieħed jibża' jitkellem jew jipprova jistaħba għaliex jekk jitkellem jista' jew jiġi iżolat jew addirittura jiġi mċanfar. Jien naħdem bil-kontra. Inħoss li għall-finijiet ta' *good governance* wieħed għandu jiġi inkoraġġit jiġbed l-attenzjoni għal proċeduri li ma jkunux jirriflettu korrettezza fl-amministrazzjoni ta' riżorsi pubbliċi. Nemmen li għandu jħossu liberu li jiġbed l-attenzjoni dwar kull kwestjoni mingħajr biża' ta' riperkussjonijiet. Jiena nilqa' u nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li jiġu 'l quddiem b'suġġerimenti għal titjib fil-prattiċi jew fis-sistemi użati.

Bħala Istituzzjoni għamilna passi kbar 'il quddiem mid-diskors tas-sena li għaddiet. Pereżempju fejn għandu x'jaqsam xandir televiżiv, insemmi li llum il-ġurnata l-Parlament Malti qed jiġi trażmess ukoll fuq frekwenza *free-to-air*. Dan il-pass kompla fetaħ il-Parlament għall-pubbliku għaliex issa kull min ikun irid isegwi x'inhu għaddej f'din l-Istituzzjoni m'għadx għandu l-ħtieġa ta' abbonament televiżiv bi ħlas. Din kienet talba li dan l-Uffiċċju beda jirċievi b'mod kostanti hekk kif beda x-xandir tas-seduti parlamentari bit-televiżjoni fl-4 ta' Mejju tas-sena l-oħra bil-għajnuna tal-kumpaniji Melita u GO, li minn hawn nixtieq nirringrazzjahom.

Matul is-sena li għaddiet mexxejna l-arkivju tal-Parlament minn fejn kien sitwat fil-Palazz tal-Gran Mastri għal post temporanju fil-viċinanzi tal-binja l-ġdida. Imiss issa li nsibu fondi sabiex nittrasformaw il-mina fejn fiż-żmien kienet tidħol il-ferrovija għal post fejn ikun hemm kamra tal-Kumitati oħra, arkivju u librerija ta' riferenza, kif ukoll kafetterija żgħir tal-Parlament fejn il-Membri jkunu jistgħu jiltaqgħu f'ambjent informali. Dan il-proġett, li għalih qed nipprovaw insibu fondi Ewropej, se jippermettilna li nsaħħu s-servizzi ta' sapport lill-Membri Parlamentari u wkoll li nifthu aktar għall-pubbliku l-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti Parlamentari, partikolarment dawk antiki li għandhom valur storiku.

L-argument li l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż ma tista' qatt tkun ħielsa minn kull xkiel u rbit jekk amministrattivament tibqa' titqies bħala dipartiment tal-Gvern, ilna nisimgħuh għal numru ta' snin minn diversi Speakers waqt id-diskorsi tas-*Sette Giugno*. Huwa għalhekk li llum bi pjaċir nista' ngħid li matul din is-sena diġà ġew dedikati tliet seduti għad-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Servizz Parlamentari. Nawgura li dan l-Abbozz ma jdumx ma jsir Att tal-Parlament ħalli din il-ħolma ta' numru ta' Speakers preċedenti u tiegħi ssir realtà, u għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu l-Parlament jibda jgawdi minn awtonomija amministrattiva sħiħa.

L-istess nawgura li jseħħ mill-Abbozz ta' Liġi dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika li jinsab fuq l-aġenda tal-Parlament. Din il-liġi, li tipprovdi għall-ħatra ta' Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika permezz ta' riżoluzzjoni approvata permezz ta' żewġ terzi tal-Kamra, għandha sservi ta' gwida siewja għal min qiegħed fil-ħajja pubblika għaliex permezz tagħha kulħadd ikun taħt skrutinju u jekk xi ħadd ma jkunx korrett fl-aġir etiku tiegħu jew, agħar minn hekk, ikun hemm każ ta' ksur tal-liġi, il-Kummissarju jkun jista', flimkien mal-Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika ppresedut mis-Sedja, jaġixxi skont kif provdut bil-liġi.

Diversi drabi ssemmiet il-ħtieġa li jsir aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Ikun inutli li nibqgħu nitkellmu fuq din il-ħtieġa mingħajr ma jsir xejn. Fost dispożizzjonijiet oħra, l-Ordnijiet Permanenti jagħtu d-dritt li Membru Parlamentari jista' jitkellem għal 40 minuta. Insibu, saħansitra, li l-Ministru li jkun qed jintroduċi d-dibattitu fuq Abbozz ta' Liġi fl-istadju ta' Tieni Qari, jista' jagħmel diskors ta' siegħa u nofs. Hekk ukoll jista' jdum siegħa u nofs jitkellem ix-*Shadow Minister* li jkun qed jirrispondi għal dak id-diskors min-naħa tal-Oppożizzjoni. Dawn huma dispożizzjonijiet li nazzarda ngħid li ma jeżistu fl-ebda parlament Ewropew jew fil-Commonwealth u għaldaqstant għandhom jiġu riveduti sabiex il-ħin tal-Kamra jkun jista' jiġi użat b'mod dejjem aktar produttiv.

Naħseb li wasal iż-żmien li l-ebda persuna fil-Parlament, hi min hi, ma tingħata aktar minn 15 jew 20 minuta ta' diskors, ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Hemm bżonn li l-kelliema kollha jiffokaw aktar fuq

il-punti saljenti li jkunu jridu jindirizzaw fid-diskorsi tagħhom, u jagħmlu dan b'mod ippreparat, kif diġà qed isir f'ċerti każi. Irrid nistqarr li reċentement qed ikollna numru ta' diskorsi ppreparati u għaldaqstant irridu nkomplu naħdmu f'din id-direzzjoni sabiex naslu li nkunu kapaċi ngħidu dak li rridu ngħidu fi ftit ħin, anke f'ħames minuti jew żewġ minuti. Hemm parlamenti fl-Ewropa fejn jekk teċċedi l-ħin saħansitra tiġi applikata multa. Ma naħsibx li għandna naslu s'hawn, imma żgur li għandna naslu li mill-aktar fis nemendaw fejn hemm bżonn l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Ukoll fl-interess ta' titjib fil-livell tal-interventi fil-Kamra, min-naħa amministrattiva qed nagħmlu ħilitna sabiex inżidu l-għajnuna li noffru lill-Membri f'dan ir-rigward u anke bi preparazzjoni għall-Presidenza tal-Unjoni Ewropea s-sena d-dieħla. Għal dan il-għan qed naraw kif inżidu t-*team* ta' *research analysts* b'ħamsa oħra. Nifhem ukoll li għad irid jasal żmien meta nadottaw is-sistema użata f'diversi Parlamenti oħra fejn il-Membri jingħataw forma ta' *allowance* sabiex ikunu jistgħu jimpjegaw magħhom assistenti li jgħinuhom jippreparaw għad-dibattiti.

Tibdil ieħor li ilu jinħass il-bżonn tiegħu fl-Ordnijiet Permanenti huwa f'dak li jirrigwarda l-allokazzjoni ta' seduti għal xogħol ta' membri privati bħalma hemm fis-sistema li titħaddem fil-House of Commons. Għalkemm kif oriġinarjament abbozzati, l-Ordnijiet Permanenti tagħna kienu jaħsbu għal dan, tul il-medda tas-snin daħlu prattiċi minn amministrazzjonijiet varji li naqqru dan id-dritt tal-membri privati li, ngħiduha kif inhi, l-aktar li jaffettwa lill-minoranza fil-Parlament. Għaldaqstant, filwaqt li nagħraf il-fatt li matul din il-leġiżlatura ġew allokati numru konsiderevoli ta' seduti għall-konsiderazzjoni ta' mozzjonijiet tal-Oppożizzjoni, intenni dak li ġie espress anke f'deċiżjonijiet mogħtija minn Speakers preċedenti li hemm bżonn ta' regolamentazzjoni aktar feliċi f'dan ir-rigward.

Aspett li fih ċertament il-Parlament Malti għamel passi kbar 'il quddiem huwa fil-kamp internazzjonali. F'Novembru li għadda l-Parlament Malti kien l-ewwel parlament nazzjonali li laqa' dibattitu bejn il-kandidati għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth. Minbarra li dan kien dibattitu tassew interessanti li ġie segwit minn bosta nies minn madwar id-dinja kollha, permezz ta' dik l-attività l-Parlament Malti ta sehmu fix-xogħol siewi li sar matul CHOGM li

ltaqa’ f’Malta fl-aħħar tal-2015. Ħidma oħra fuq livell interparlamentari fi ħdan il-Commonwealth li l-Parlament Malti kien instrumentali fiha, huwa t-twaqqif tal-Assoċjazzjoni tal-Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Commonwealth, li tagħha l-Parlament jospita s-Segretarjat.

Il-Parlament Malti llum jista’ jiftaħar ukoll li mexa ’l quddiem f’dik li hija diplomazija parlamentari permezz tax-xogħol bla heda li jsir minn diversi delegazzjonijiet parlamentari f’organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth, l-Unjoni Interparlamentari u oħrajn. Dan irrikjeda aktar impenn mill-Membri Parlamentari iżda wkoll iktar riżorsi mill-amministrazzjoni tal-Parlament. L-ingaġġ tar-*research analysts* ġodda fl-2015 kien pass li ppermetta illi l-Parlament joffri l-assistenza lill-Membri li jipparteċipaw b’mod dejjem aktar attiv f’dawn il-fora interparlamentari. Huwa għalhekk ċar illi jekk verament irridu li l-Membri tagħna jkunu dejjem aktar ippreparati fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari tagħhom, irridu noffrulhom l-assistenza kollha possibbli.

Ippermettuli nsemmi eżempju wieħed tal-ħidma siewja li ssir waqt żjarat bħal dawn. Reċentement is-Sedja kellha l-opportunità li tmexxi delegazzjoni parlamentari lejn il-Lvant Nofsani u wara diskussjonijiet twal u dettaljati nista’ ngħid li wasalna biex għall-ewwel darba rajna t-twaqqif ta’ *working group* parlamentari bejn il-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan, il-Parlament Malti u l-Knesset Iżraeljan; u dan bil-barka tal-President tal-Awtorità Palestinjana, l-Eċċellenza Tiegħu Mahmoud Abbas. L-għan ewlieni ta’ dan il-*working group* huwa li flimkien naħdmu biex inressqu lill-partijiet dejjem aktar viċin ta’ xulxin permezz ta’ ideat u konċetti li jistgħu jagħtu riżultati pożittivi.

Mingħajr ħsieb li jwassal għall-valur, kollox jibqa’ kif ikun. Hawnhekk mill-ewwel jiġini f’moħħi l-aħħar pubblikazzjoni tal-Professur Edward de Bono li ppreżentali ftit ġimgħat ilu li ġġib l-isem *Thinking to Create Value*. Fost l-oħrajn f’din il-pubblikazzjoni nsibu suġġeriment tal-awtur għal eżerċizzju fejn “*Parliaments would have special sessions for positive value sensitivity*” li minnhom jistgħu joħorġu valuri pożittivi jew negattivi. Waqt diskussjoni li kelli mal-istess Professur de Bono

qajjimt il-punt jekk jarax li wasal il-mument li l-Parlament Malti jkun l-ewwel parlament nazzjonali fid-dinja li jkollu kumitat dwar il-ħsieb. Ilkoll nafu li s-soluzzjoni għal ċerti problemi tista' tinstab biss jekk ikun hemm aktar ħsieb, ħsieb li ma jkunx neċessarjament dak konvenzjonali iżda li jkun miftuħ għal ideat, kunċetti u metodoloġiji oħra.

Dan qed ngħidu għaliex ilkoll konxji mill-fatt li mhux l-ewwel darba li l-Parlament Malti, sfortunatament, inħela f'diskussjonijiet li meta tagħsarhom issib li ma jkunx sar biżżejjed ħsieb qabel ma jingħad ċertu diskors. Dan jidher partikolarment meta fil-kritika li tkun qed issir, ikun xi jkun is-suġġett, jibdew isiru attakki saħansitra fuq membri tal-familja. Jien għalija dan huwa l-aktar livell baxx li nistgħu naslu fih. Naħseb li għandna nifhmu u niftakru li l-membri tal-familja fl-ebda mument m'għandhom jiddaħħlu fil-kontroversji li jista' jkun hemm bejn il-politiċi. Meta nagħmlu hekk naħseb li nkunu qed inbaxxu ħafna l-livell ta' kif għandha ssir il-politika u d-diskussjoni ħielsa fil-Parlament skont il-valuri tad-demokrazija parlamentari.

Irridu nirrikonoxxu li biex inħarsu l-amor proprju fil-ħidma politika tagħna, irridu nagħmlu kuraġġ bħalma kellu l-kuraġġ Dun Karm meta fl-okkażjoni tal-għoti tal-Kostituzzjoni lil Malta fl-1921, minkejja li dak iż-żmien kien kważi tabù li tikteb bil-Malti, kiteb l-innu patrijottiku *Lil Ħuti l-Maltin Nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni*. Dak l-innu, li kellu xebh kbir mal-Innu Malti kif nafuh illum, kien imnebbaħ mill-bżonn ta' għaqda nazzjonali fi żmien ta' firda partiġġjana kbira. Dakinhar Dun Karm tana eżempju; permezz ta' dak li kiteb f'dak l-innu huwa ċaħad il-partiġġjaniżmu u wera patrijottiżmu sħiħ meta tkellem fuq l-għaqda u s-sliem. Bħala qassis u poeta kien jiddejjaq ħafna li jintrabat ma' xi karru politiku imma xorta għażel li jwassal il-messaġġ tiegħu permezz ta' dik il-poeżija tal-1921. Dan tfisser tajjeb ħafna mill-Professur Friggieri fil-pubblikazzjoni tiegħu *L-Istorja tal-Innu Malti*, fejn jgħid hekk:

> "L-elezzjoni tal-1921 madwar sena biss qabel ma huwa ħareġ fil-pubbliku bil-versi tal-Innu Malti, kienet konfront bejn dawn il-partiti: *Unione Politica Maltese* (UPM) tal-Monsinjur Ignazio Panzavecchia, il-Partit Laburista (PL) tal-Kurunell Willie Savona, il-Partit Demokratiku

Nazzjonalista (PDN) ta' Dr Nerik Mizzi u l-Partit Kostituzzjonali (PK) tal-Konti Sir Gerald Strickland. Meta kiteb bit-Taljan, Dun Karm seta' deher bħala Mizzjan (Nazzjonalist), bħalma meta kiteb bil-Malti seta' tqies bħala Stricklandjan. Huwa ċaħad kull pożizzjoni partiġġjana biex għażel pożizzjoni Maltija, nazzjonali, 'il fuq mill-partiti. Huwa pprova jiddeskrivi lilu nnifsu fis-sunett '*Lil Malta*' (1939), fejn mill-apprezzament għall-Italja tal-kultura, u mill-istima lejn l-Ingilterra tal-politika, huwa jgħaddi biex jippreferi lil Malta, "għax int biss ommi, int li tajtni l-isem".

Ikolli nistqarr li lkoll għad baqgħalna ħafna x'nitgħallmu sakemm naslu biex verament inkunu ta' eżempju l-ħin kollu. Dejjem jifdal x'nitgħallmu imma ċertament m'għandniex naqtgħu qalbna. Irridu nkomplu nfittxu kif nistgħu nwettqu ħidmietna dejjem aħjar b'dinjità u b'rispett. Kull wieħed u waħda minna li qegħdin fil-Parlament, u kull min jaħdem f'din l-Istituzzjoni għandu d-dmir li dejjem jagħti l-kontribut tiegħu b'mod ħieles, mingħajr kondizzjonijiet, mingħajr theddid u mingħajr biża', sabiex il-Parlament Malti jkun dejjem f'pożizzjoni aħjar li kif jixraq, jindirizza t-tamiet u l-aspettattivi dejjem akbar tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Nirringrazzjakom.